EGESIF_14-0011-02 final
27/08/2015

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej

# Gwida għall-Istati Membri dwar l-Istrateġija tal-Awditjar

## (Perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020)

***DIKJARAZZJONI TA' ĊAĦDA TA' RESPONSABBILTÀ:*** *Dan huwa dokument imħejji mis-servizzi tal-Kummissjoni. Fuq il-bażi tal-liġi applikabbli tal-UE, huwa jipprovdi gwida teknika lil kollegi u korpi oħra involuti fil-monitoraġġ, il-kontroll jew l-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (minbarra l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)) dwar kif għandhom jiġu interpretati u applikati r-regoli tal-UE f'dan il-qasam. L-għan ta' dan id-dokument hu li jipprovdi l-ispjegazzjonijiet u l-interpretazzjonijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-regoli msemmija sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-programmi u biex titħeġġeġ/jitħeġġu prattika/i tajba/in. Din il-gwida hi bla preġudizzju għall-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali jew tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni.*

**WERREJ**


LISTA TA' AKRONIMI U ABBREVJAZZJONIJIET ..... 3

I. SFOND ..... 5

1. Referenzi regolatorji ..... 5
2. L-għan tal-gwida ..... 5

II. GWIDA ..... 6

1. Introduzzjoni ..... 6
2. Valutazzjoni tar-Riskju ..... 10
3. Il-Metodoloġija ..... 11
   - 3.1 Ħarsa Ġenerali ..... 11
   - 3.2 Awditi tal-funzjonalità tal-MCS (sistemi tal-awditjar) ..... 12
   - 3.3 Awditjar ta' operazzjonijiet ..... 15
   - 3.4 Awditjar tal-kontijiet ..... 18
   - 3.5 Verifika tad-dikjarazzjoni tar-responsabbiltajiet tal-maniġment ..... 18
4. Ħidma ta' awditjar ippjanata ..... 19
5. Riżorsi ..... 19

III. EŻEMPJU TA’ MUDELL GĦAL TABELLA TAL-VALUTAZZJONI TAR-RISKJU (LI GĦANDHA TIĠI ADOTTATA MILL-AA) ..... 21

IV. MUDELL TA’ GARANZIJA ..... 22

V. SKEDI TA' ŻMIEN INDIKATTIVI TAL-ĦIDMA TAL-AWDITJAR ..... 23

## LISTA TA' AKRONIMI U ABBREVJAZZJONIJIET

| | |
|---|---|
| AA | Awtorità tal-Awditjar |
| ACR | Rapport Annwali ta' Kontroll |
| korp tal-awditjar | Il-korp li jwettaq l-awditjar skont il-mandat tal-AA, kif previst fl-Artikolu 127(2) tas-CPR |
| CA | Awtorità taċ-ċertifikazzjoni |
| CCI | Code Commun d'Identification (in-numru ta' referenza ta' kull programm, mogħti mill-Kummissjoni) |
| CDR | Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014 tat-3.3.2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] |
| CIR | Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/207 tal-20.01.2015[2] |
| CPR | Ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni (ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17.12.2013)[3] |
| FSIE | L-FSIE jikkorrispondu mal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej kollha. Din il-gwida tapplika għall-Fondi kollha ħlief għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) |
| ETC | Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17.12.2013) |
| IB | Korp Intermedju |
| MA | Awtorità Maniġerjali |
| MCS | Sistema ta' Ġestjoni u Kontroll |

[1] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv:OJ.L_.2014.138.01.0005.01.ENG

[2] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:32015R0207&rid=1

[3] http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32013R1303

# I. SFOND

## 1. Referenzi regolatorji

| Regolament | Artikoli |
|---|---|
| Reg. (UE) Nru 1303/2013<br>Ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni<br>*(minn hawn 'il quddiem is-CPR)* | l-Artikolu 127 (4) Funzjonijiet tal-awtorità tal-awditjar |
| Reg. (UE) Nru 2015/207<br>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (minn hawn' il quddiem is-CIR) | l-Artikoli 7 (1) u l-Anness VII (Mudell għall-istrateġija tal-awditjar) |

## 2. L-għan tal-gwida

L-għan ta' dan id-dokument huwa li jipprovdi gwida lill-AA responsabbli għat-tħejjija tal-istrateġija tal-awditjar (minn issa 'l quddiem "l-istrateġija") skont l-Artikolu 127(4) tas-CPR. Din il-gwida hija applikabbli għall-FSIE bl-eċċezzjoni tal-FAEŻR u ssegwi l-istruttura mudell għall-istrateġija tal-awditjar definita fl-Anness VII tas-CIR.

Din il-gwida tistabbilixxi r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni għas-sezzjonijiet varji tal-istrateġija. Dawn huma mfassla mhux biss mid-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq iżda wkoll mill-esperjenza tal-Kummissjoni fl-istrateġiji tal-awditjar tal-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti, standards tal-awditjar eżistenti li huma aċċettati internazzjonalment u l-aħjar prattika.

L-istrateġija hija element essenzjali ta' bażi tal-mudell ta' garanzija tal-FSIE (ħlief għall-FAEŻR), peress li dan huwa dokument tal-ippjanar li jistabbilixxi l-metodoloġija tal-awditjar, il-metodu tal-kampjunar għall-awditi tal-operazzjonijiet u l-ippjanar tal-awditi fir-rigward tal-ewwel tliet snin ta' kontabilità[4] u jeħtieġ li tiġi aġġornata kull sena mill-2016 sa u inkluż l-2024.

Matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, l-AA mhijiex obbligata tittrażmetti l-istrateġija għall-valutazzjoni u l-approvazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni. Madankollu, l-Artikolu 127(4) tas-CPR jirrikjedi lill-AA li tissottometti l-istrateġija tal-awditjar lill-Kummissjoni fuq talba. L-istrateġija se tkun element ewlieni fuq l-aġenda tal-laqgħat annwali ta' koordinazzjoni li jsiru skont l-Artikolu 128(3) tas-CPR. Fil-kuntest tal-awditi tagħha fuq il-post, il-Kummissjoni tista' wkoll tivvaluta l-kwalità tal-informazzjoni li tinsab fl-istrateġija;

[4] Kif definit fl-Artikolu 2(29) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

inklużi d-dokumentazzjoni u l-ispjegazzjonijiet rilevanti dwar il-ġudizzju professjonali użat mill-AA meta titfassal l-istrateġija.

## II. Gwida

F'kull taqsima hawn taħt, it-test li jinsab f'kaxxa huwa estratt tat-taqsima rilevanti tal-mudell għall-istrateġija tal-awditjar (l-Anness VII tas-CIR).

### 1. Introduzzjoni

| |
|---|
| *Din it-taqsima għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:*<br>*- Identifikazzjoni tal-programm(i) operazzjonali (titolu(i) u CCI(s)[5]), Fondi u perjodu koperti mill-istrateġija tal-awditjar.*<br>*- Identifikazzjoni tal-awtorità tal-awditjar responsabbli mit-tfassil, il-monitoraġġ u l-aġġornament tal-istrateġija tal-awditjar u ta' kwalunkwe korp ieħor li jkun ikkontribwixxa għal dan id-dokument.*<br>*- Referenza għall-istatus tal-awtorità tal-awditjar (korp pubbliku nazzjonali, reġjonali jew lokali) u l-korp li tinsab fih.*<br>*- Referenza għad-dikjarazzjoni tal-missjoni jew karta tal-awditjar jew leġiżlazzjoni nazzjonali (fejn applikabbli) li tistabbilixxi l-funzjonijiet u r-responsabilitajiet tal-awtorità tal-awditjar u tal-korpi l-oħra li jwettqu awditjar taħt ir-responsabilità tagħha.* |

L-ewwel strateġija tal-awditjar għandha tiġi ffinalizzata fi żmien tmien xhur mill-adozzjoni tal-programm(i) ikkonċernat(i) u għandha tkopri l-ewwel tliet snin ta' kontabilità, kif jirriżulta mill-Artikolu 127(4) tas-CPR. F'każ fejn strateġija unika tal-awditjar hija ppreżentata għal diversi programmi b'MCS komuni, din l-istrateġija tal-awditjar tista' tiġi finalizzata fi żmien tmien xhur mill-adozzjoni tal-aħħar programm, bil-kundizzjoni li l-istrateġija tiġi fis-seħħ fi żmien xieraq sabiex l-AA twettaq il-ħidma tagħha u tkun kapaċi tasal għal opinjoni tal-awditjar fl-iskadenza regolatorja.

L-AA għandha taqbel minn qabel mal-MA u s-CA dwar l-iskeda ta' żmien għat-tħejjija tal-kontabilità fir-rigward tal-proċess tal-awditjar filwaqt li titqies il-ħtieġa li tiġi żgurata l-preżentazzjoni f'waqtha ta' ACR ta' kwalità għolja u l-opinjoni tal-awditjar, skont l-Artikolu 127(5) tas-CPR. Barra minn hekk, l-MA għandha tagħmel disponibbli lill-AA kopja tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni tagħha u s-sommarju annwali tar-rapporti tal-awditjar finali u tal-kontrolli mwettqa, inkluża analiżi tan-natura u l-kontenut tal-iżbalji u tad-dgħufijiet identifikati fis-sistemi, flimkien ma' dettalji tal-miżuri ta' rimedju meħuda jew ippjanati fid-dawl ta' dawn. L-Istat Membru (eż. fuq livell ministerjali/tal-gvern jew ieħor meqjus xieraq mill-awtoritajiet nazzjonali) għandu jistabbilixxi l-iskadenzi interni għat-trażmissjoni tad-dokumenti bejn l-awtoritajiet nazzjonali għall-iskop tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom.

[5] Indika l-programmi operazzjonali koperti minn MCS komuni, f'każ fejn hija mħejjija strateġija unika tal-awditjar għall-programmi kkonċernati, kif previst fl-Artikolu 127(4) tas-CPR.

F'każ fejn hi ppreżentata strateġija unika ta' awditjar għal MCS komuni, huwa rakkomandat li l-awtoritajiet nazzjonali (pereżempju, l-MA, is-CA, korp nazzjonali ta' koordinazzjoni) jaqblu mal-AA li hemm tabilħaqq tali sistema komuni, peress li din id-deċiżjoni għandha implikazzjonijiet fuq l-għażla tal-kampjun u fuq it-tbassir tar-riżultati tal-kampjun għall-programmi kollha koperti minn din is-sistema. Jista' jitqies li teżisti sistema komuni meta l-istess MCS tappoġġja l-attivitajiet ta' diversi programmi. Il-kriterju li għandu jkun ikkunsidrat huwa l-preżenza tal-istess elementi ta' kontroll ewlenin, jiġifieri meta dawn l-elementi li ġejjin ikunu essenzjalment l-istess għal sett ta' programmi: (i) id-deskrizzjoni tal-funzjonijiet ta' kull korp involut fil-ġestjoni u l-kontroll, u l-allokazzjoni tal-funzjonijiet fi ħdan kull korp; (ii) il-proċeduri għall-iżgurar tal-korrettezza u r-regolarità tan-nefqa ddikjarata, inklużi rekords tal-awditjar u superviżjoni adegwati tal-IB, fejn ikun japplika. L-eżistenza ta' livelli ta' riskju komuni (pereżempju, IB simili f'bosta programmi b'riskju komuni marbut mat-tip ta' IB) tista' wkoll tkun fattur li wieħed għandu jikkunsidra meta jiddetermina l-eżistenza ta' sistema komuni. Minħabba l-ispeċifiċitajiet tagħhom, jiġifieri l-involviment ta' mill-inqas żewġ Stati Membri, il-programmi tal-ETC ma għandhomx jitqiesu li jappartjenu għal MCS komuni flimkien mal-programmi prinċipali. Għalhekk, l-istrateġija għal programm tal-ETC għandha titfassal separatament, anke jekk il-korpi involuti fl-MCS tagħhom huma l-istess bħal dawk tal-programmi prinċipali.

Kif definit fl-Anness IX tas-CIR, it-tibdiliet fl-istrateġija tal-awditjar għandhom jiġu żvelati fit-taqsima 3 tal-ACR. Il-fatturi li għandhom jitqiesu għall-analiżi tal-istrateġija għandhom jinkludu tibdiliet fl-MCS, pereżempju, tibdiliet relatati mal-azzjonijiet ta' rimedju skont l-Artikolu 124(5) tas-CPR relatatati mal-proċedura ta' deżinjazzjoni, ir-riallokazzjoni tal-funzjonijiet tal-AA, l-MA u s-CA ma' awtoritajiet nazzjonali oħrajn, tibdiliet fl-istrutturi organizzattivi bħal qsim ta' ministeru, tibdiliet kbar fil-persunal jew sistemi ġodda tal-IT, eċċ...

Huwa rrakkomandat li f'din it-taqsima l-AA tispjega kif tfasslet l-istrateġija tal-awditjar (b'mod partikolari, f'dak li jikkonċerna l-kontribuzzjonijiet minn korpi oħra) u l-arranġamenti fis-seħħ biex tissorvelja u taġġorna d-dokument. Fl-AA, id-dokumentazzjoni dwar l-istrateġija tat-tfassil, il-monitoraġġ u l-aġġornament għandu jinżamm għal referenza. Meta l-korpi tal-awditjar ikunu kkontribwew għall-istrateġija, l-AA trid tiżgura li l-objettivi tagħhom huma allinjati ma' dawk tal-istrateġija, peress li l-AA tieħu r-responsabilità għall-koordinazzjoni finali u l-kwalità tax-xogħol. Dan il-proċess jista' jinkludi struzzjonijiet bil-miktub, laqgħat regolari jew mezzi oħra meqjusa utli. Dan huwa ta' rilevanza partikolari għall-programmi tal-ETC, fejn ix-xogħol tal-awditjar jsir f'bosta Stati Membri.

Fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji implimentati mill-EIB skont l-Artikolu 38(4)(b)(i) tas-CPR u kif stabbilit mill-Artikolu 9(3) tas-CDR, l-AA tagħti mandat lil kumpanija li għandha topera fi ħdan qafas komuni stabbilit mill-Kummissjoni biex twettaq awditjar fuq l-operazzjonijiet inkwistjoni. Il-qafas komuni tal-awditjar attwali qed jiġi aġġornat mill-Kummissjoni u se jiġi diskuss mal-Istati Membri. Sadattant, l-AA hi mistiedna tikkonsulta lill-Kummissjoni u fejn dan it-tip ta' strumenti finanzjarji diġà qed jiġu implimentati, l-AA hija mistiedna tikkonsulta lill-Kummissjoni biex tfittex pariri dwar il-metodoloġija f'dan ir-rigward, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9(4) ta' dan ir-Regolament. L-istrateġija tal-awditjar għandha tirreferi għall-intenzjonijiet tal-AA f'dan ir-rigward; meta qafas jidħol fis-seħħ, l-AA għandha taġġorna l-istrateġija f'dan is-sens filwaqt li ssemmi l-modifiki fl-ACR li jkun imiss.

Fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji skont l-Artikolu 38(1)(a) tas-CPR, hemm il-ħtieġa li l-istrateġija tal-AA tqis il-fatt li ma tistax twettaq awditjar fuq il-post ta' dawn l-operazzjonijiet

u se jkollha tfassal l-opinjoni tagħha mir-rapporti ta' kontroll regolari ppreżentati mill-korpi li ngħataw il-kompitu li jimplimentaw dawk l-istrumenti finanzjarji skont l-Artikolu 40(1) tas-CPR.

L-AA għandu jkollha mandat ċar li twettaq il-funzjoni tal-awditjar skont l-Artikolu 127 tas-CPR. Dan il-mandat huwa normalment dokumentat f'karta tal-awditjar[6] jekk il-mandat mhux diġà stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Fejn teżisti karta tal-awditjar għall-funzjoni tal-awditjar kollha kemm hi, il-mandat li hu relatat speċifikament mal-funzjoni tal-awditjar tal-AA għandu jiġi inkorporat f'dik il-karta u għandu jkun aċċettat formalment mill-AA. Karta tal-awditjar soda tgħin biex tiżdied l-indipendenza tal-AA.

Għall-ETC, l-ispeċifiċitajiet tal-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet ta' kull attur tal-awditjar (AA, grupp ta' awdituri u korpi tal-awditjar oħrajn) għandhom ikunu deskritti fir-regoli ta' proċedura u l-istrateġija tal-awditjar għandha tirreferi għal dawn ir-regoli. F'każ li l-AA tiġi awtorizzata li twettaq direttament il-funzjonijiet tagħha fit-territorju kollu kopert mill-programm, dawk ir-regoli jindikaw jekk hemmx ftehim li awditur nazzjonali (ta' kull Stat Membru jew pajjiż terz li jkun qed jipparteċipa fil-programm) jista' jingħaqad mal-AA għall-missjonijiet ta' awditjar fuq il-post, fejn rilevanti. Fil-każ li kull Stat Membru jew pajjiż terz ikun responsabbli għat-twettiq tal-funzjonijiet skont l-Artikolu 127 tas-CPR, għandu jiġi deskritt b'mod ċar għal kull Stat Membru jew pajjiż terz li jkun qed jipparteċipa fi programm tal-ETC, min u kif se jiġu trażmessi r-riżultati tal-awditjar fit-territorju tiegħu lill-AA sabiex dan il-korp iwettaq il-valutazzjoni tiegħu.

*Din it-taqsima għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:*

*Konferma mill-awtorità tal-awditjar li l-korpi li qegħdin iwettqu awditi skont l-Artikolu 127(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 għandhom l-indipendenza funzjonali rikjesta (u l-indipendenza organizzattiva, fejn applikabbli taħt l-Artikolu 123(5) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013).*

L-indipendenza hija l-libertà minn kundizzjonijiet li jheddu l-kapaċità tal-AA biex twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha skont l-Artikolu 127 tas-CPR b'mod imparzjali. Sabiex jintlaħaq il-grad ta' indipendenza meħtieġ biex effettivament twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha, l-AA għandu jkollhom aċċess dirett u mingħajr restrizzjonijiet għall-maniġment superjuri fil-livelli kollha, inkluż għall-MA u għas-CA. Matul l-istadji kollha fiċ-ċiklu tal-awditjar, l-AA għandha tiżgura li l-ħidma tagħha (u x-xogħol li jsir mill-korp tal-awditjar) titwettaq b'mod indipendenti[7] u oġġettiv, ħielsa minn kull kunflitt ta' interess mal-entità awditjata, inkluż il-benefiċjarju kif definit fl-Artikolu 2(10) tas-CPR.

L-indipendenza funzjonali timplika grad suffiċjenti ta' indipendenza biex ikun żgurat li ma jkun hemm l-ebda riskju li r-rabtiet bejn awtoritajiet differenti joħolqu dubji dwar l-

---

[6] Eżempji ta' karti tal-awditjar definiti għal dipartimenti tal-awditjar intern huma disponibbli fi https://global.theiia.org/standards-guidance/Public%20Documents/ModelCharter.pdf ; https://www.ecb.europa.eu/ecb/pdf/orga/ecbauditcharter_en.pdf. Dawn l-eżempji jistgħu jiġu adattati mill-AA għar-responsabbiltajiet u l-qafas legali speċifiċi tagħhom.

[7] Fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-indipendenza statutorja tal-awdituri tas-16 ta' Mejju 2002 (ĠU L191/22 tad-19.07.2002) u fil-Kapitolu 3 tal-Kodiċi tal-Etika ta' INTOSAI hemm aktar pariri dwar il-kunċett ta' indipendenza.

imparzjalità tad-deċiżjonijiet meħuda. Biex ikun żgurat li jkun hemm grad suffiċjenti ta' indipendenza, l-MCS għandha tipprovdi għal miżuri bħal li l-persunal tal-AA ma jkunx involut fil-funzjonijiet tal-MA jew tas-CA, l-awtonomija tad-deċiżjoni dwar ir-reklutaġġ tal-persunal tal-AA, deskrizzjoni ċara tal-impjieg u arranġamenti ċari bil-miktub bejn l-awtoritajiet[8]. Huwa essenzjali li l-AA tkun tista' tesprimi nuqqas ta' qbil mal-MA jew is-CA u tikkomunika r-riżultati tal-awditjar tagħha f'indipendenza sħiħa lill-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari lill-Kummissjoni.

Il-post organizzattiv u l-istatus tal-AA jista' joħloq restrizzjoni prattika jew limitu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ħidma tal-AA, b'mod partikolari meta l-AA tkun tinsab fl-istess korp pubbliku bħal (xi wħud minn) entitajiet awditjati. B'mod ġenerali, iktar ma l-livell ta' rappurtar ikun għoli, iktar ikun kbir il-kamp ta' applikazzjoni potenzjali ta' impenji li jista' jitwettaq mill-AA filwaqt li tibqa' indipendenti mill-entità awditjata[9]. Bħala minimu, il-kap tal-AA għandu jirrapporta lil-livell tal-ġerarkija fi ħdan dak il-korp pubbliku li tippermetti lill-AA biex tissodisfa r-responsabbiltajiet tagħha; l-AA għandha tkun ħielsa minn interferenzi fid-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-ħidma tal-awditjar tagħha, fit-twettiq tal-ħdima, u fil-komunikazzjoni ta' riżultati.

Kif jirriżulta mill-Artikolu 123(4) tas-CPR, l-AA trid tkun funzjonalment indipendenti mill-MA u s-CA. Dan it-terminu jfisser li l-AA m'għandha ebda rwol fil-funzjonijiet li huma tal-MA, tas-CS jew l-IBs li jwettqu l-kompiti tal-MA jew tas-CA taħt ir-responsabbiltà ta' dik l-awtorità. Barra minn hekk, il-linji ta' rappurtar tagħhom għandhom ikunu differenti, jiġifieri AA għandha tirrapporta lil livell ta' ġerarkija differenti mil-livelli ta' rappurtar tal-MA u tas-CA. Dan il-kunċett hu rifless ukoll fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 123(5) tas-CPR, li jippermetti li l-AA tkun parti mill-istess awtorità jew korp pubbliku (eż. ministeru) flimkien mal-MA u s-CA, sakemm ikun rispettat il-prinċipju tas-separazzjoni tal-funzjonijiet u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-aħħar paragrafu tal-istess dispożizzjoni.

L-istess approċċ japplika għall-korpi ta' awditjar li jwettqu l-awditjar skont il-mandat tal-AA. Fil-każ fejn il-korpi tal-awditjar ikunu unitajiet ta' awditjar interni, għandhom jittieħdu konsiderazzjonijiet speċjali: l-awtorità tal-awditjar għandha tkun konxja tal-istruttura organizzattiva u l-linji ta' rappurtar fl-organizzazzjoni kkonċernata, sabiex tivvaluta l-pożizzjoni tal-unità tal-awditjar interna u r-riskju ta' tfixkil fl-indipendenza.

Għall-programmi tal-ETC, l-istrateġija tal-awditjar għandha tispjega kif hi żgurata l-indipendenza ta' kull membru tal-grupp tal-awdituri, l-aktar f'dawk il-każijiet fejn il-membri tal-grupp tal-awdituri jagħmlu x-xogħol tal-awditjar huma stess fl-Istat Membru tagħhom jew jissorveljaw/iqabbdu lil sorsi esterni biex jagħmlu x-xogħol tal-awditjar. Fejn ix-xogħol tal-awditjar isir minn sorsi esterni, il-kuntrattur għandu jkun obbligat bil-kuntratt biex jinforma immedjatament lill-AA f'każ ta' kunflitt ta' interessi possibbli sabiex l-AA, assistita minn grupp ta' awdituri, tkun tista' tieħu l-miżuri xierqa. L-AA għandha wkoll tkun funzjonalment indipendenti mis-segretarjat konġunt (stabbilit mill-MA skont l-Artikolu 23(2) tal-ETC) u mill-"kontrollur(i)" previst(i) skont l-Artikolu 23(4) tal-ETC.

---

[8] Dawn l-arranġamenti jistgħu jiġu riflessi pereżempju b'deċiżjoni tal-gvern li ssemmi l-awtoritajiet involuti fl-implimentazzjoni ta' programm, l-awtoritajiet li se jwettqu l-kompiti imposti mir-regolamenti, jew protokolli bil-miktub bejn l-awtoritajiet, il-proċeduri ta' ħidma, eċċ.

[9] Ara wkoll: Standard Internazzjonali għall-Prattika Professjonali tal-Awditjar Intern (IPPF) 1100, relatat mal-Konsulenza dwar il-Prattika 1110-1 u l-Gwida dwar il-Prattika dwar "l-Indipendenza u l-Oġġettività".

L-AA għandha tindika fl-istrateġija tal-awditjar kif hi żgurata l-indipendenza funzjonali msemmija u tiddeskrivi r-relazzjonijiet bejn l-AA u l-MA, is-CA u l-IBs, fejn applikabbli. Tali indikazzjoni għandha tirreferi għall-karta tal-organizzazzjoni rilevanti u l-linji ta' rappurtar bejn l-AA u dawn il-korpi u, fejn applikabbli, l-awtorità jew il-korp pubbliku li għalihom jirrappurtaw ukoll l-MA u s-CA.

Fil-kuntest tal-istrateġija tal-awditjar, it-terminu "indipendenza organizzattiva" tirreferi għal sitwazzjoni fejn l-AA ma tistax tkun parti mill-istess awtorità jew korp pubbliku (eż. ministeru) flimking mal-MA jew is-CA. Kif joħroġ mill-Artikolu 123(5) tas-CPR, l-AA tista' tkun parti mill-istess awtorità pubblika[10] bħall-MA jew is-CA fejn l-ammont totali ta' appoġġ mill-Fondi għal programm hu inqas jew daqs EUR 250 miljuni (għall-FEMS, dan il-livell limitu hu ta' EUR 100 miljun). Meta jinqabeż dan il-limitu, l-AA tista' tkun parti mill-istess awtorità pubblika flimkien mal-MA u s-CA, jekk tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

a) Jew, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għall-perjodu preċedenti ta' programmazzjoni, il-Kummissjoni tkun infurmat lill-Istat Membru qabel id-data tal-adozzjoni tal-programm ikkonċernat dwar il-konklużjoni tagħha li huwa jista' jiddependi prinċipalment fuq l-opinjoni tiegħu dwar l-awditjar,[11]

b) Jew il-Kummissjoni tkun sodisfatta fuq il-bażi tal-esperjenza tal-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti li l-organizzazzjoni u r-responsabbiltà istituzzjonali tal-AA jipprovdu garanziji adegwati tal-indipendenza funzjonali u l-affidabbiltà tagħha[12].

## 2. Valutazzjoni tar-Riskju

| |
|---|
| *Din it-taqsima għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:* |
| *- Spjegazzjoni tal-metodu ta' valutazzjoni tar-riskju segwit.* |
| *- Referenza għall-proċeduri interni għall-aġġornament tal-valutazzjoni tar-riskju.* |

Meta jiġi stabbilit il-metodu tal-valutazzjoni tar-riskju għall-prijoritizzazzjoni tax-xogħol tal-awditu tas-sistema fuq il-miżuri, il-korpi u r-rekwiżiti ewlenin, l-AA għandha tikkunsidra l-fatturi ta' riskju rilevanti, tistabbilixxi grid ta' kwantifikazzjoni li tkopri minn riskju baxx għal

[10] Fil-kuntest tal-Artikolu 125(5) tas-CPR, il-kunċett ta' "awtorità jew korp pubbliku" jfisser li l-AA u l-MA għandhom linji separati ta' responsabbiltà politika. Fil-livell nazzjonali u bħala prattika ġenerali, "awtorità jew korp pubbliku" tfisser il-ministeru. Fil-livell reġjonali, għandu jiġi applikat approċċ simili, jiġifieri "awtorità jew korp pubbliku" tfisser ministeru reġjonali separat jew ekwivalenti.

[11] Din il-kundizzjoni għandha tiftiehem li l-Kummissjoni tkun bagħtet ittra lill-Istat Membru fejn tinnotifikah li s-servizzi tal-awditjar jistgħu jiddependu prinċipalment fuq l-opinjoni tal-AA għal programmi identifikati sew, skont it-termini tal- Artikolu 73(3) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

[12] Fir-rigward tal-affidabbiltà tal-AA, din il-kundizzjoni hija ssodisfata jekk ir-riżultati tal-awditjar tal-Kummissjoni s'issa ppermettew lill-Kummissjoni sabiex tivvaluta r-rekwiżiti ewlenin tal-AA għall-perjodu 2007-2013 f'kategorija 1 jew 2, wara metodoloġija komuni għall-valutazzjoni tal-MCS. Ovvjament, il-kundizzjoni hija li l-istess sistema tapplika għall-programmi tal-2007-2013 u tal-2014-2020 (l-AA tibqa' fl-istess awtorità jew korp pubbliku).

riskju għoli[13] u tapplikahom għall-prijoritajiet u l-korpi kollha relatati mal-programm(i) koperti mill-istrateġija. Xi eżempji ta' fatturi ta' riskju li jistgħu jitqiesu huma dawn li ġejjin: l-ammont, il-kompetenza tal-ġestjoni, il-kwalità tal-kontrolli interni, il-grad tal-bidla tal-istabilità fl-ambjent ta' kontroll, il-ħin tal-aħħar impenn ta' awditjar, il-kumplessità tal-istruttura organizzattiva, it-tip ta' operazzjonijiet, it-tip ta' benefiċjarji, riskju ta' frodi, eċċ.

Bħala l-aħjar prattika, ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju tal-AA huma rrapportati f'tabella li fiha l-programmi u l-korpi ewlenin involuti fl-MCS huma kklassifikati skont il-livell ta' riskju. Fit-taqsima III ta' dan id-dokument jingħata eżempju mhux eżawrjenti ta' tabella bħal din. Ikun jeħtieġ li din it-tabella tiġi adattata u kkomplementata mill-AA b'fatturi ta' riskju li tqis li huma rilevanti għall-programmi kkonċernati. Għal sistemi żgħar (eż. fejn il-korpi kollha u r-rekwiżiti ewlenin jistgħu jiġu awditjati għall-ewwel eżerċizzju), il-valutazzjoni tar-riskju tista' tkun anqas elaborata. Metodi ta' valutazzjoni tar-riskju oħrajn huma aċċettabbli wkoll.

Abbażi tar-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju, l-AA se tkun tista' tagħti prijorità lill-awditi tas-sistema ta' programmi u korpi li għalihom ir-riskju huwa ogħla matul il-perjodu tal-awditjar. Tali prijoritizzazzjoni għandha tkopri wkoll oqsma tematiċi speċifiċi deskritti fit-taqsima 3.2 hawn taħt. L-għażla taż-żmien u l-kamp ta' applikazzjoni tal-awditjar jistgħu jkunu influwenzati wkoll mir-rata ta' implimentazzjoni tal-programm, pereżempju l-għażla ta' żmien tard (mistenni) tad-dikjarazzjoni tan-nefqa għal miżura jew korp lill-Kummissjoni jkun ifisser li mhux ir-rekwiżiti ewlenin kollha jistgħu jkunu "fi stat li jiġu awditjati" fl-istess ħin.

## 3. Il-Metodoloġija

### 3.1 Ħarsa Ġenerali

*Din it-taqsima għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:*

*Referenza għal manwali jew proċeduri tal-awditjar li jkun fihom deskrizzjoni tal-passi prinċipali tax-xogħol tal-awditjar, inklużi l-klassifikazzjoni u t-trattament tal-iżbalji misjuba.*

*Referenza għall-istandards tal-awditjar rikonoxxuti internazzjonalment li l-awtorità tal-awditjar se tqis għal dan ix-xogħol tal-awditjar, kif stabbilit mill-Artikolu 127(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.*

*Referenza għall-proċeduri fis-seħħ għat-tfassil tar-rapport ta' kontroll u l-opinjoni tal-awditjar li għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 127(5) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.*

*Għal programmi tal-ETC, referenza għal arranġamenti tal-awditjar speċifiċi u spjegazzjoni dwar kif l-awtorità tal-awditjar beħsiebha tiżgura l-proċess ta' koordinazzjoni u superviżjoni mal-grupp ta' awdituri mill-Istati Membri l-oħra kkonċernati b'dan il-programm u deskrizzjoni tar-regoli ta' proċedura adottati skont l-Artikolu 25(2) tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013.*

Il-manwal tal-awditjar tal-AA għandu jipprovdi deskrizzjoni tal-proċeduri tax-xogħol għall-fażijiet differenti tal-awditjar, jiġifieri ppjanar tal-awditjar, valutazzjoni tar-riskju, it-twettiq

[13] Jiġi żgurat kejl bilanċjat tal-evalwazzjoni tar-riskju.

tal-impenji, reġistrazzjoni u dokumentazzjoni, sorveljanza, rappurtar, il-proċess tal-assikurazzjoni tal-kwalità u analiżi esterna, bl-użu ta' xogħol minn awdituri oħrajn, l-użu ta' tekniki tal-awditjar assistiti bil-kompjuter, metodi ta' teħid ta' kampjuni użati eċċ.

Il-manwal tal-awditjar għandu jkun fih referenza għall-livelli limitu ta' materjalità u fatturi oħra kwantitattivi u kwalitattivi li għandhom jitqiesu meta tkun ivvalutata l-materjalità tar-riżultati tas-sejbiet mill-awditjar għall-awditi tas-sistema, l-awditi tal-operazzjonijiet u l-awditi tal-kontijiet.

Il-manwal tal-awditjar għandu jinkludi wkoll deskrizzjoni tal-fażijiet differenti ta' rappurtar (bħal abbozzi ta' rapporti tal-awaditjar, proċedura kontradittorja mal-entità awditjata u tar-rapporti tal-awditjar finali), skadenzi għar-rappurtar, proċessi ta' segwitu. Barra minn hekk, il-manwal tal-awditjar għandu jinkludi spjegazzjoni qasira tal-proċess tar-rappurtar tal-AA mal-korp ta' koordinazzjoni li jista' jiġi magħżul mill-Istat Membru skont l-Artikoli 123(8) u 128(2) tas-CPR

Il-manwal tal-awditjar jista' jkun ikkostitwit minn sensiela ta' proċeduri u noti differenti, miġbura f'fowlder jew dokument elettroniku magħruf u aċċessibbli għall-persunal kollu tal-AA u tal-korpi tal-awditjar.

### 3.2 Awditi tal-funzjonalità tal-MCS (sistemi tal-awditjar)

| |
|---|
| *Din it-taqsima għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:*<br>*Indikazzjoni tal-korpi li għandhom jiġu awditjati u r-rekwiżiti ewlenin relatati fil-kuntest tal-awditi tas-sistemi. Fejn applikabbli, referenza għall-korp tal-awditjar li fuqu tiddependi l-awtorità tal-awditjar biex jitwettqu dawn l-attivitajiet ta' awditjar.*<br>*Indikazzjoni ta' kwalunkwe awditu tas-sistema relatati ma' oqsma tematiċi speċifiċi bħalma huma:*<br>*- il-kwalità tal-verifiki amministrattivi u fuq il-post previsti fl-Artikolu 125 (5) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, inkluż f'relazzjoni mar-rispett lejn ir-regoli tal-akkwist pubbliku, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, ir-rekwiżiti ambjentali, l-opportunitajiet indaqs;*<br>*- il-kwalità tal-għażla tal-proġett u l-verifiki amministrattivi u fuq il-post (previsti fl-Artikolu 125 (5) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013), relatati mal-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji;*<br>*- il-funzjonament u s-sigurtà ta' sistemi tal-IT stabbiliti skont l-Artikoli 72(d), 125(2)(d) u 126(d) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013; u l-konnessjoni tagħhom mas-sistema tal-IT "SFC 2014", kif previst fl-Artikolu 74(4) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013;*<br>*- l-affidabilità tad-dejta relatata ma' indikaturi u tragwardi importanti u fuq il-progress tal-programm operazzjonali lejn il-kisba tal-objettivi tiegħu pprovduti mill-awtorità tal-ġestjoni skont l-Artikolu 125(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013;*<br>*- ir-rappurtar ta' irtirar u rkupri;*<br>*- l-implimentazzjoni ta' miżuri effettivi u proporzjonati kontra l-frodi mirfuda minn valutazzjoni tar-riskju ta' frodi skont l-Artikolu 125(4)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.* |

Tista' tingħata lista sħiħa tal-korpi u l-funzjonijiet li se jkunu koperti mill-awditi tas-sistema fl-iskeda indikattiva tal-kompiti ta' awditjar previsti taħt din is-sezzjoni tal-istrateġija tal-awditjar, skont il-valutazzjoni tar-riskju spjegata fit-taqsima 2 hawn fuq. Huwa mistenni li l-

AA twettaq l-awditjar tal-awtoritajiet u l-funzjonijiet kollha inklużi fl-MCS ta’ programm partikolari (inklużi l-IBs magħżula fuq il-bażi ta’ valutazzjoni tar-riskju tal-AA) mill-inqas darba matul il-perjodu ta’ programmazzjoni. L-awditi tas-sistema għandhom ikunu mwettqa mill-ewwel sena ta’ implimentazzjoni tal-programm, wara l-ħatra tal-MA u tas-CA. Il-kamp ta’ applikazzjoni tal-ewwel awditi tas-sistema għandu jqis ix-xogħol tal-AA imwettaq matul l-istadju tal-ħatra u jiffoka fuq l-entitajiet, il-programmi u l-oqsma fejn ir-riskju huwa akbar.

Għall-programmi tal-ETC, l-ispeċifikazzjoni tal-korpi li jridu jiġu awditjati matul il-perjodu ta’ programmazzjoni għandha tkopri l-korpi kollha li jkollhom responsabilitajiet għall-programmi tal-ETC fl-Istati Membri kollha b’responsabbiltajiet dwar programm partikolari, inklużi l-kontrolluri skont l-Artikolu 23(4) tal-ETC.

L-awditi tas-sistema għandhom isiru fuq bażi regolari u f’waqthom matul is-sena u fid-dawl tal-espressjoni tal-opinjoni tal-awditjar annwali, u għandhom ikopru primarjament ir-rekwiżiti ewlenin stabbiliti fl-Anness IV tas-CDR filwaqt li titqies il-*Gwida dwar metodoloġija komuni għall-valutazzjoni tas-sistemi ta’ ġestjoni u kontroll fl-Istati Membri* tal-Kummissjoni (EGESIF_14-0010 tat-18/12/2014) u l-implimentazzjoni tal-proċeduri msemmija fid-deskrizzjoni tal-MCS. L-AA għandu jkollha listi ta’ kontroll u programmi ta’ ħidma mfassla apposta għall-awditi tas-sistema tagħha, filwaqt li tiżgura li r-rekwiżiti u l-proċeduri ewlenin kollha huma koperti b’mod regolari jew permezz ta’ awditi sħaħ jew ta' awditi ta’ segwitu, sabiex tippermetti lill-AA li tikkonkludi dwar il-funzjonament tal-MCS mill-ewwel ACR 'il quddiem. Fir-rigward tal-frekwenza u l-kamp ta' applikazzjoni tal-awditi tas-sistema, l-AA għandha tiddeċiedi abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju tagħha, b’kont meħud ta’ ISA 330 dwar ir-risposti tal-awditur għar-riskji vvalutati[14]. Fi kwalunkwe każ, l-awditi tas-sistema għandhom jitwettqu b’mod li jkun f’waqtu, sabiex jikkontribwixxu għalll-ippjanar adegwat u l-għażla tal-awditi tal-operazzjonijiet skont l-Artikolu 27 tas-CDR u għall-espressjoni tal-opinjoni tal-awditjar annwali.

L-awditi tas-sistema mmirati għal oqsma tematiċi speċifiċi jikkorrispondu għal awditi li jkopru rekwiżit ewlieni wieħed jew tnejn (pereżempju, dawk imsemmija iktar 'il fuq u stabbiliti fil-mudell tal-ACR taħt it-taqsima 3.2) għal sett ta’ entitajiet u programmi, u għandhom l-għan li jivvalutaw riskju orizzontali għal din il-popolazzjoni dwar kwistjonijiet speċifiċi koperti minn dawk ir-rekwiżiti.

Fil-prattika, skont is-sitwazzjoni u l-MCS u abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa, l-AA tista’ tagħżel li twettaq awditi tas-sistemi għal kull programm jew MCS li jkopri mill-inqas ir-rekwiżiti ewlenin essenzjali kollha fl-ewwel snin tal-implimentazzjoni tal-programm (b’awditi ta' segwitu sussegwenti kull sena). Dan jista’ jkun ikkumplementat b’awditjar tematiku fejn u meta jitqies neċessarju sabiex ikunu koperti l-kumplament tar-rekwiżiti ewlenin u rekwiżiti partikolari fejn ir-riskju huwa meqjus li jkun sistematiku.

Jekk matul l-implimentazzjoni tal-programm(i), l-MCS tkun soġġetta għal tibdil sostanzjali (eż. modifika tal-proċeduri li jaffettwaw ir-rekwiżiti ewlwenin essenzjali), l-AA għandha twettaq awditu tas-sistema ġdid għal dan l-MCS, li jkopri aspetti ġodda u jaġġorna l-valutazzjoni tar-riskju skont dan.

L-awditjar imwettaq fil-perjodu 2007-2013 jista' jintuża bħala punt ta’ referenza għall-AA, b’mod partikolari fil-valutazzjoni tar-riskju, waqt l-ippjanar tal-awditjar tas-sistemi għall-

[14] http://www.ifac.org/system/files/downloads/a019-2010-iaasb-handbook-isa-330.pdf

2014-2020 meta l-MCS huma simili. Madankollu, l-awditi tas-sistema xorta jridu jitwettqu fl-2014-2020, u għandhom l-għan li jivvalutaw jekk l-MCS hix qed tiffunzjona b'mod xieraq f'dan il-perjodu.

Fuq il-post, l-awditur għandu jimmira li jikseb evidenza suffiċjenti u affidabbli li l-MCS li hemm qed tiffunzjona b'mod effettiv u kif deskritt, sabiex jikkonkludi dwar jekk is-sistemi humiex adegwati biex jiżguraw il-legalità u r-regolarità tan-nefqa tal-ESIF u l-preċiżjoni u l-kompletezza finanzjarja u ta' informazzjoni oħra, inkluża dik ippreżentata fil-kontijiet tas-CA. It-test ta' kontrolli jista' jinkludi testijiet "walk-through" tal-fajls relevanti miżmuma mill-awtoritajiet ikkonċernati, intervisti ma' persunal rilevanti u l-eżami ta' kampjun ta' tranżazzjonijiet. Meħuda flimkien, għandu jitwettaq biżżejjed ittestjar biex jintlaħqu konklużjonijiet sodi dwar il-funzjonament adegwat tas-sistemi taħt eżami. Il-kontenut attwali ta' kull awditjar għandu jkun aġġustat mill-awditur biex jieħu kont tal-ambjent ta' kontroll bħala parti mill-istadju ta' tħejjija tal-awditjar.

Il-kampjun ta' tranżazzjonijiet għat-testijiet ta' kontrolli matul l-awditi tas-sistema jista' jqis is-sezzjoni speċifika dwar "teknika ta' kampjunar applikabbli għall-awditi tas-sistema" inkluża fil-gwida tal-Kummissjoni dwar it-teħid ta' kampjuni. Fl-awditi tas-sistema, hu normalment użat kampjunar skont l-attribut biex jiġu ttestjati diversi attributi tal-popolazzjoni inkwistjoni. Fi kwalunkwe każ, il-metodu ta' għażla tal-kampjunar għall-awditi tas-sistema hija kwistjoni ta' ġudizzju professjonali tal-AA.

Matul l-awditi tas-sistema, l-AA għandha tittestja il-kontrolli interni ewlenin differenti stabbiliti. Meta jkunu qed jitqiesu n-numru tal-elementi għall-ittestjar tal-kontrolli, għandhom jitqiesu ċerti fatturi ġenerali b'kont meqjus tal-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment (eż. ISA 330 dwar ir-risposti tal-awditur għar-risjki vvalutati, l-ISSAI 4100[15] dwar il-fattur li għandhom jitqiesu meta tiġi definita l-materjalità, ISSAI 1820 dwar "Il-Materjalità fl-Ippjanar u t-Twettiq ta' Awditjar"[16], ISSAI 1450 dwar "L-Evalwazzjoni ta' Dikjarazzjonijiet Ħżiena Identifikati waqt l-Awditjar"[17]).

Meta tkun qed tippjana awditu tas-sistema, l-AA għandha tiddefinixxi minn qabel il-limitu li jekk jinqabeż ikun ifisser li n-nuqqas hu kkunsidrat materjali. Pereżempju, fil-kuntest ta' awditjar bħal dan u  wara li jkunu ġew ittestjat l-kontrolli relatati ma' kull rekwiżit ewlieni speċifikat (eż. proċeduri xierqa għall-għażla ta' operazzjonijiet) fuq kampjun ta' 10 ftehimiet ta' għotja (minn popolazzjoni ta', ngħidu aħna, 50 għotja), l-AA tista' tikkonsidra li l-kontrolli għal dak ir-rekwiżit ewlieni huma materjalment defiċjenti (jiġifieri r-rekwiżit hu kklassifikat tal-inqas bħala "xogħlijiet parzjali, huwa meħtieġ titjib sostanzjali") meta 4 minn 10 (jiġifieri 40%) tal-ftehimiet ta' għotja magħżula juru li l-kontrolli eżistenti ma ġewx applikati jew kienu ineffiċjenti fl-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' nefqa irregolari. It-tabella li ġejja tipprovdi livelli limiti indikattivi li jistgħu jintużaw mill-AA fid-definizzjoni tal-livelli limiti tal-materjalità għal finijiet ta' ppjanar u biex jiġu rrappurtati d-defiċjenzi. Il-livelli limiti differenti jistgħu jiġu kkunsidrati skont, pereżempju, it-tip ta' kontrolli inkwistjoni. Fi kwalunkwe każ, il-valutazzjoni tal-materjalità fl-awditi tas-sistema, teħtieġ ukoll li tqis il-fatturi kwalitattivi, flimkien mal-approċċ kwantitattiv sempliċi issuġġerit hawnhekk.

[15] http://www.issai.org/media/13196/issai_4100_e_.pdf

[16] http://www.issai.org/media/13028/issai_1320_e_.pdf

[17] http://www.issai.org/media/13064/issai_1450_e_.pdf

| | | | |
|---|---|---|---|
| Jaħdem sew. Hemm bżonn biss ta' xi titjib minuri | Jaħdem imma hemm bżonn ta’ xi titjib | Jaħdem parzjalment, hu meħtieġ titjib sostanzjali | Essenzjalment ma jaħdimx |
| inqas minn 10% ta' eċċezzjonijiet | inqas minn 25% ta' eċċezzjonijiet | inqas minn 40% ta' eċċezzjonijiet | aktar minn 40% ta' eċċezzjonijiet |

Meta l-awditu tas-sistema jikkonkludi li r-rata ta' devjazzjoni misjuba hi ogħla mil-livell limitu ta’ materjalità definit mill-AA għal dak l-awditjar, dan ifisser li l-MCS ma tissodisfax il-kriterju stabbilit għal livell għoli ta’ assigurazzjoni. Bħala riżultat, l-MCS għandha tiġi kklassifikata bħala ta' livell medju jew baxx ta' assigurazzjoni, b’implikazzjonijiet meta jiġi stabbilit id-daqs tal-kampjun għall-awditjar tal-operazzjonijiet.

Fir-rigward tal-awditi tas-sistema dwar l-affidabbiltà tad-dejta li jirrapportaw dwar il-prestazzjoni tal-programm, l-AA għandha tivvaluta jekk humiex implimentati kontrolli effettivi matul il-ġbir, it-tqassir u r-rappurtar tad-dejta relatata, u jekk iċ-ċifri kkumpilati miġbura jirrikonċiljawx mad-dejta mis-sors.

Fir-rigward ta' awditi tas-sistema fuq il-funzjonament tas-sistemi tal-IT, l-istandards relatati mat-teknoloġija tal-informatika mhumiex żviluppati sew daqs f'oqsma oħra ta' awditjar jew aċċettati universalment fihom. In-nuqqas ta’ standards dwar is-sistema ta' informazzjoni li jkunu aċċettati b'mod ġenerali wassal sabiex ħafna organizzazzjonijiet żviluppaw l-istandards tagħhom stess. Madankollu, saru sforzi biex jiġu żviluppati standards uniformi għall-ipproċessar u l-attivitajiet ta’ awditjar. Minbarra l-qafas COBIT (Objettivi ta' Kontroll għall-Informazzjoni u Teknoloġija relatata)[18], l-istandards aċċettati internazzjonalment għas-sigurtà tal-informazzjoni jinkludu u mhumiex limitati għall-istandard ISO/IEC 27001 ("Teknoloġija tal-informazzjoni - Tekniki tas-sigurtà - sistemi ta’ ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni – Rekwiżiti") u l-istandard ISO/IEC 27002 ("Teknoloġija tal-informazzjoni - Tekniki tas-sigurtà - Kodiċi tal-prattika għall-kontrolli tas-sigurtà tal-informazzjoni"), maħruġa mill-ġdid l-aħħar fl-2013[19]. L-AA tista’ tikkunsidra wkoll kwalunkwe standard nazzjonali relatat[20].

### 3.3 Awditjar ta' operazzjonijiet

*Din it-taqsima għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:*

*Deskrizzjoni ta' (jew referenza għal dokument intern li jispeċifika) il-metodoloġija tal-kampjunar li għandha tintuża skont l-Artikolu 127(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 480/2014 u proċeduri speċifiċi oħra li huma stabbiliti għal awditjar ta' operazzjonijiet, partikolarment dawk relatati mal-klassifikazzjoni u t-trattament ta' żbalji misjuba, inkluż frodi suspettata.*

---

[18] Tista' tinkiseb informazzjoni dwar COBIT minn http://www.isaca.org/Knowledge-Center/COBIT/Pages/Overview.aspx

[19] Tista' tinkiseb aktar informazzjoni minn http://www.iso27001security.com/index.html jew mis-sit web tal-ISO (http://www.iso.org/iso/home/standards/management-standards/iso27001.htm ).

[20] Bħall-"Katalogi IT-Grundschutz" tal-Uffiċċju Federali għas-Sigurtà tal-Informazzjoni fil-Ġermanja (BSI)

Il-metodoloġija tal-kampjunar (metodu ta' kampjunar, unità tal-kampjunar u l-parametri għall-kalkolu tad-daqs tal-kampjun) hija determinata mill-AA bbażata fuq ġudizzju professjonali u b'kont tar-rekwiżiti regolatorji u fatturi bħalma huma l-karatteristiċi tal-popolazzjoni u l-istennija rigward il-livell u l-varjabilità ta' żbalji. Fil-gwida dwar il-kampjunar tal-Kummissjoni[21] hemm ippreżentati metodi differenti ta' kampjunar u l-vantaġġi rispettivi tagħhom kif ukoll kunsiderazzjonijiet dwar l-applikazzjoni tagħhom. Il-ħtieġa għar-reviżjoni tal-metodoloġija tal-kampjunar għandha tiġi vvalutata regolarment u b'mod partikolari qabel kull eżerċizzju ta' kampjunar.

Ibbażat fuq l-Artikolu 28(11) tas-CDR, il-livell ta' kunfidenza għat-teħid ta' kampjunar huwa ddeterminat skont il-livell ta' affidabilità miksub mill-awditi tas-sistema.

Iċ-ċiklu komplut tal-mudell ta' garanzija huwa muri permezz tal-iskema ppreżentata fit-taqsima IV ta' din il-gwida.

Jekk bosta programmi li jappartjenu għal sistema komuni huma miġbura għall-kampjunar, jiġi applikat livell ta' kunfidenza uniku. Huwa possibbli li jintuża diżinn ta' kampjunar stratifikat skont il-programm biex titjieb il-preċiżjoni jew ikun permess kampjun iżgħar. Madankollu, il-konklużjonijiet tal-awditjar huma normalment possibbli għall-grupp sħiħ ta' programmi, u mhux għal kull programm individwali, sakemm l-istratifikazzjoni ma tkunx ġiet iddiżinjata u applikata biex tikseb biżżejjed evidenza għall-konklużjoni kif ukoll skont l-istratum separatament.

Fl-istrateġija tal-awditjar, l-AA hi mistennija tiddeskrivi l-approċċ tagħha għall-istratifikazzjoni, li se tiġi applikata skont l-Artikolu 28(10) tas-CDR, li jkopri sottopopolazzjonijiet b'karatteristiċi simili bħall-operazzjonijiet li jikkonsistu f'kontribuzzjonijiet finanzjarji minn programm għal strumenti finanzjarji, elementi ta' valur għoli jew fondi (f'każ ta' programmi multifondi).

Ir-rekwiżiti ta' kontroll proporzjonali tal-programmi huma stabbiliti skont l-Artikolu 148(1) Fir-rigward tal-implimentazzjoni prattika ta' din id-dispożizzjoni, l-Artikolu 28(8) tas-CDR jistabbilixxi li l-AA tista' teskludi mill-popolazzjoni minn fejn isir il-kampjunar l-operazzjonijiet li għalihom japplikaw il-kundizzjonijiet għall-kontroll proporzjonali li hemm provvediment għalihom fl-Artikolu 148(1) tas-CPR. Jekk l-operazzjoni kkonċernata tkun diġà ntgħażlet fil-kampjun, l-AA għandha tissostitwixxiha permezz ta' għażla b'mod każwali xierqa. L-aktar mod faċli biex tiġi implimentata din is-sostituzzjoni hu li jintgħażlu elementi addizzjonali, bl-istess ammont ta' dawk esklużi mill-kampjun, bl-użu eżatt tal-istess metodoloġija tal-għażla (jew għażla każwali jew probabbiltà proporzjonali mal-infiq tal-għażla). Meta jintgħażlu elementi ġodda għall-kampjun, dawk diġà inklużi fil-kampjun u dawk koperti minn dan l-Artikolu għandhom jiġu esklużi mill-popolazzjoni. L-estrapolazzjoni tista' ssir bħas-soltu, mingħajr ma wieħed jinsa li jikkoreġi n-nefqa totali tal-popolazzjoni man-nefqa tal-elementi skont l-Artikolu.

L-Artikolu 28(14) tas-CDR jistabbilixxi d-definizzjoni ta' rata ta' żbalji totali "[...] *li tkun is-somma tal-iżbalji aleatorji previsti u, jekk applikabbli, żbalji sistemiċi u żbalji anomali mhux ikkoreġuti, diviżi bil-popolazzjoni."*

[21] COCOF_ 08-0021-03, attwalment taħt analiżi.

Żball sistemiku jikkorrispondi għal irregolarità sistemika kif definit skont l-Artikolu 2(38) tas-CPR. Żball anomalu huwa żball ta' natura eċċezzjonali li hu biċ-ċar mhux rappreżentattiv tal-popolazzjoni. Żball każwali[22] huwa żball li la hu sistematiku u lanqas anomalu.

Il-proċedura stabbilita għall-klassifikazzjoni tal-iżbalji għandha tinkludi l-elementi li ġejjin b'relazzjoni ma kull awditjar ta' operazzjoni: (i) għandhom jiġu ppreparati rapport jew konklużjoni li jkunu mehmuża mal-fajl tal-awditjar li jkun fih dokumentazzjoni dwar l-ippjanar u dokumenti oħrajn li jappoġġaw is-sejbiet; (ii) rapport jew konklużjoni bħal dawn għandu jkun fihom deskrizzjoni sħiħa tas-sejbiet, li jkopru l-elementi kollha (kondizzjonijiet jew sitwazzjoni attwali, kriterji jew standard, effett u – b'mod speċjali – il-kawża tal-iżbalji), kif ukoll il-klassifikazzjoni ta' kull żball.

Ir-rata tal-iżbalji li tirriżulta mill-awditjar tal-operazzjonijiet għandha tkun żvelata fl-ACR mingħajr ma jitnaqqsu korrezzjonijiet. Madankollu, l-AA għandha tikkalkula wkoll ir-rata ta' żball residwu u se tikkunsidra kwalunkwe miżura korrettiva meħuda fir-rigward tal-irregolaritajiet skoperti waqt it-tfassil tal-opinjoni tal-awditjar (ara wkoll il-*Gwida dwar l-ACR u l-Opinjoni tal-Awditjar* tal-Kummissjoni, EGESIF 15_0002/2015, it-taqsimiet II.5 u II.9).

L-approċċ li għandu jintuża mill-AA fir-rigward ta' kampjunar mhux statistiku għandu jkun konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 127(1) tas-CPR. Kif joħroġ mill-Artikolu 28(3) tas-CDR, il-kampjunar aleatorju meħud mill-AA għall-awditi tagħha tal-operazzjonijiet irid jippermetti lill-AA li testrapola r-riżultati għall-popolazzjoni minn fejn ittieħed il-kampjun, ukoll meta jintuża metodu ta' kampjunar mhux statistiku. Id-daqs meħtieġ tal-kampjun huwa ddeterminat mill-AA abbażi ta' ġudizzju professjonali u b'kunsiderazzjoni tal-livell ta' assigurazzjoni mogħti mill-awditi tas-sistema. Ir-rekwiżit ta' 5% tal-operazzjonijiet u 10% tan-nefqa fl-Artikolu 127(1) tas-CPR jikkorrispondi mal-opinjoni tal-Kummissjoni ta' "l-aqwa xenarju" ta' assigurazzjoni għolja jew medja mis-sistema (jiġifieri kategorija 1 jew 2, peress li l-leġiżlatur stabbilixxa dawn ir-rekwiżiti bħala minimu). F'konformità mal-Anness 3 tal-ISA 530, aktar ma tkun għolja l-valutazzjoni tal-awditur tar-riskju ta' dikjarazzjoni skorretta materjali, aktar irid ikun kbir id-daqs tal-kampjun. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tfakkar hawn taħt l-istqarrija li għamlet fir-rigward tal-Artikolu 127 tas-CPR dwar it-teħid ta' kampjuni mhux statistiċi[23]:

*"Il-Kummissjoni tinnota li għar-rigward tal-kwistjoni tat-teħid ta' kampjuni mhux statistiċi, l-Artikolu 127(1) jistipula li kampjun bħal dan irid ikopri tal-anqas 5 % tal-operazzjonijiet li għalihom tkun ġiet dikjarata n-nefqa lill-Kummissjoni matul sena fiskali, u 10 % tan-nefqa li tkun ġiet dikjarata lill-Kummissjoni matul sena fiskali. Hija tinnota wkoll li l-linji gwida maħruġa mill-Kummissjoni dwar il-metodi ta' teħid ta' kampjuni għall-awtoritajiet ta' awditjar għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-13 jindikaw li d-daqs tal-kampjun fil-każ ta' teħid ta' kampjuni mhux statistiċi ġeneralment m'għandux ikun ta' anqas minn 10 % tal-popolazzjoni tal-operazzjonijiet. Il-Kummissjoni tqis li l-possibilità li jiċċekken id-daqs tal-kampjun ta' operazzjonijiet għal 5 % jippreżenta riskju li l-kampjun ma jkunx rappreżentattiv biżżejjed u jkollu għalhekk l-effett li tiddgħajjef l-affidabilità tal-verifika."*

---

[22] Dan il-kunċett jippreżumi l-probabbiltà li żbalji każwali misjuba fil-kampjun awditjat huma preżenti wkoll fil-popolazzjoni mhux awditjata.

[23] http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2013:375:0002:0004:EN:PDF

### 3.4 Awditjar tal-kontijiet

| |
|---|
| *Din it-taqsima għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:* |
| *Deskrizzjoni tal-approċċ tal-awditjar għall-awditjar tal-kontijiet.* |

L-AA għandha tagħti deskrizzjoni fil-qosor tal-approċċ tagħha ta' awditjar li tuża biex twettaq l-awditjar tal-kontijiet biex tasal għal opinjoni tal-awditjar għal kull sena ta' kontabilità.

F'din it-taqsima, l-AA għandha tispjega kif biħsiebha tikseb assigurazzjoni dwar il-kompletezza, il-preċiżjoni u l-veraċità tal-kontijiet fuq il-bażi ta':

- l-awditi tas-sistema tagħha (b'mod partikolari dawk imwettqa mis-CA, kif stabbilit fl-Artikolu 29(4) tas-CDR);

- l-awditjar tagħha tal-operazzjonijiet[24];

- ir-rapporti tal-awditjar finali mibgħuta mill-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri;

- il-valutazzjoni tagħha tad-dikjarazzjoni tal-maniġment u s-sommarju annwali;

- in-natura u l-firxa tat-testijiet magħmula fuq il-kontijiet imressqa mis-CA lill-AA.

Fir-rigward ta' dan l-aħħar punt, l-AA għandha tiddeskrivi kif beħsiebha twettaq il-verifiki addizzjonali finali tagħha fuq l-abbozz tal-kontijiet ċertifikati, qabel id-data ta' skadenza regolatorja tal-15 ta' Frar, kif stabbilit fil-*Gwida dwar l-Awditjar tal-Kontijiet* (EGESIF_15_0016). B'mod partikolari, l-AA għandha tiddeskrivi x-xogħol ippjanat fir-rigward tar-rikonċiljazzjoni tas-CA f'Appendiċi 8 tal-kontijiet, inkluża l-valutazzjoni tal-AA tal-adegwatezza tal-ispjegazzjonijiet tas-CA għall-aġġustamenti żvelati f'dak l-Appendiċi u l-konsistenza tagħhom mal-informazzjoni murija fl-ACR u fis-sommarju annwali dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji magħmula u riflessi fil-kontijiet bħala segwitu għar-riżultati tal-awditi tas-sistema u l-awditjar fuq l-operazzjonijiet u l-verifiki tal-maniġment imwettqa qabel is-sottomissjoni tal-kontijiet.

### 3.5 Verifika tad-dikjarazzjoni tar-responsabbiltajiet tal-maniġment

| |
|---|
| *Din it-taqsima għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:* |
| *Referenza għall-proċeduri interni li jistabbilixxu l-ħidma involuta fil-verifika tal-affermazzjonijiet li jinsabu fid-dikjarazzjoni tal-maniġment, għall-fini tal-opinjoni tal-awditjar.* |

[24] L-awditi fuq l-operazzjonijiet għandu jippermetti għall-verifika tal-eżattezza tal-ammonti u tal-kompletezza tan-nefqa korrispondenti inkluża fil-pretensjonijiet ta' ħlas (u sussegwentement fil-kontijiet jekk jinstab li jkunu kompletament legali u regolari). Jippermetti wkoll ir-rikonċiljazzjoni tar-rekord tal-awditjar mis-sistema tal-kontabilità tas-CA sal-livell tal-benefiċjarju/ta' operazzjoni, permezz ta' kwalunkwe IBs, kwistjoni diġà koperta fl-awditjar attwali.

Peress li l-AA trid tipprovdi fuq bażi annwali dikjarazzjoni dwar jekk il-ħidma tal-awditjar imwettqa tpoġġix f'dubju l-asserzjonijiet magħmula fid-dikjarazzjoni tal-maniġment, għandha ddaħħal proċedura li tiżgura li tirċievi d-dikjarazzjoni tal-maniġment fi żmien xieraq u li d-dikjarazzjoni tal-maniġment tkun ħadet kont tal-konklużjonijiet ta' kwalunkwe awditjar u kontrolli mwettqa mill-AA jew taħt is-superviżjoni tagħha.

**4. Ħidma ta' awditjar ippjanata**

*Din it-taqsima għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:*

*- Deskrizzjoni u ġustifikazzjoni tal-prijoritajiet u l-objettivi speċifiċi tal-awditjar fir-rigward tas-sena ta' kontabilità attwali u s-sentejn ta' kontabilità sussegwenti, flimkien ma' spjegazzjoni tar-rabta bejn ir-riżultati tal-valutazzjoni tar-riskju u l-ħidma ta' awditjar ippjanata.*

*- Skeda indikattiva tal-kompiti ta' awditjar fir-rigward tas-sena ta' kontabilità attwali u s-sentejn ta' kontabilità sussegwenti għal awditi tas-sistemi (inklużi awditi immirati lejn oqsma tematiċi speċifiċi), kif ġej:*

| Awtoritajiet/Korpi jew oqsma tematiċi speċifiċi li għandhom jiġu awditjati | CCI | Isem l-OP | Korp responsabbli mill-awditjar | Riżultat tal-valutazzjoni tar-riskju | 20xx Objettiv u ambitu tal-awditjar | 20xx Objettiv u ambitu tal-awditjar | 20xx Objettiv u ambitu tal-awditjar |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | |

Għandha tiġi inkluża deskrizzjoni tal-kriterji użati biex jiġu stabbiliti l-prijoritajiet tal-awditjar u l-ġustifikazzjoni. Ir-riżultati tal-eżerċizzju tal-valutazzjoni tar-riskju għandhom ikunu l-bażi ewlenija għall-prijoritizzazzjoni tal-ħidma ppjanata tal-awditjar tas-sistema.

Huwa rrakkomandat li l-AA tħejji pjan ġenerali għall-perjodu ta' programmazzjoni kollu li jkopri l-MCS kollha kemm hi biex tikseb assikurazzjoni raġjonevoli dwar l-effettività tagħha, flimkien mal-ippjanar dettaljat obbligatorju tal-"implimentazzjoni" li jistabbilixxi l-prijoritajiet għas-sena attwali ta' kontabilità u għas-sentejn ta' kontabilità sussegwenti. L-Anness V jippreżenta skedi ta' żmien indikattivi għall-ħidma tal-AA fir-rigward ta' sena ta' kontabilità waħda.

**5. Riżorsi**

*Din it-taqsima għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:*

*- Organigramma tal-awtorità tal-awditjar u l-informazzjoni dwar ir-relazzjonijiet tagħha fir-rigward ta' kwalunkwe korp ta' awditjar li jwettaq awditjar kif previst fl-Artikolu 127(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, fejn xieraq.*

*- Indikazzjoni tar-riżorsi ppjanati li għandhom jiġu allokati fir-rigward tas-sena ta' kontabilità attwali u s-sentejn ta' kontabilità sussegwenti.*

L-istrateġija tal-awditjar għandha tindika r-riżorsi umani f'termini ta' ġranet ta' awditur disponibbli (jew li għandhom jiġu mmobilizzati) biex tilħaq l-objettivi tagħha għas-snin li ġejjin[25], inklużi r-riżorsi ta' korpi ta' awditjar oħrajn u attivitajiet ta' awditjar kuntrattati. Huwa rakkomandat li jiġu indikati b'mod separat il-ġranet ta' awditur disponibbli fil-livell tal-AA, korpi tal-awditjar oħrajn u attivitajiet kuntrattati. Għandha tiġi inkluża indikazzjoni tal-ġranet ta' awditur disponibbli għal kull tip ta' awditjar (awditu tas-sistema, awditu tal-kontijiet u awditu tal-operazzjonijiet).

Huwa essenzjali li jkun hemm provvediment għal riżorsi adegwati mill-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni. L-użu ta' assistenza teknika jista' jiġi kkunsidrat bħala possibbiltà biex jintlaħqu l-ħtiġijiet. Huwa rakkomandat li jkun hemm pjan fit-tul ħalli r-rekwiżiti futuri fir-reklutaġġ, it-taħriġ u l-iżvilupp professjonali kontinwu jkunu jistgħu jiġu ppjanati adegwatament. Għandu jiġi identifikat u ppjanat l-użu ta' kwalunkwe ħiliet ta' speċjalist meħtieġa, jiġifieri meta jkun hemm esternalizzazzjoni prevista.

F'każ li l-AA u l-korpi tal-awditjar jkunu l-istess bħal tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, huwa importanti li jiġu ppjanati wkoll riżorsi adegwati fir-rigward tal-perjodu li għaddej. Għalhekk, l-AA għandha tikkonferma li r-riżorsi indikati huma disponibbli flimkien mar-riżorsi allokati għax-xogħol ta' awditjar li jifdal għall-perjodu ta' programmazzjoni attwali, filwaqt li jitqies il-fatt li l-piż tax-xogħol għall-għeluq tal-programmi tal-2007-2013 se jaffettwa l-iktar l-aħħar sentejn tal-ewwel strateġija għall-perjodu 2014-2020, jiġifieri 2015 u 2016.

F'termini ta' riżorsi ta' awditjar, tingħata gwida mil-Linji gwida Implimentattivi Ewropej Nru 11 ta' INTOSAI u l-istandards tal-IIA.

[25] Preferibbilment, din l-indikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq analiżi tal-piż tax-xogħol, meta wieħed iqis il-koinċidenza taż-żewġ perjodi ta' programmazzjoni (2007-2013 u 2014-2020).

## III. EŻEMPJU TA' MUDELL GĦAL TABELLA TAL-VALUTAZZJONI TAR-RISKJU (LI GĦANDHA TIĠI ADOTTATA MILL-AA)

| **Programm CCI** | **Korp** | **Fatturi ta' riskju inerenti**[26] | | | | | | | **Punteġġ totali għal riskju inerenti** (massimu: 100%) | **Fatturi ta' riskju tal-kontroll**[27] | | | | | **Punteġġ totali għal riskju tal-kontroll**(massimu: 100%)[28] | **Punteġġ totali tar-riskju (riskju inerenti * riskju tal-kontroll)** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Ammont baġitarju | Kumplessità tal-istruttura organizzazzjonali[29] | Il-kumplessità tar-regoli u l-proċeduri | Varjetà kbira ta' operazzjonijiet kumplessi[30] | Benefiċjarji ta' riskju[31] | Nuqqas ta' persunal u/jew Nuqqas ta' kompetenzi f'oqsma ewlenin[32] | … | | Grad ta' bidla minn 2007-2013[33] | Kwalità tal-kontrolli interni (rekwiżiti ewlenin mill-Gwida dwar il-valutazzjoni tal-MCS fl-Istati Membri)[34] | | | | | |
| | | | | | | | | | | | e.g. M.1 | … | … | M.8 | | |
| 2014xy | MA | | | | | | | | | | | | | | | |
| | IB 1 | | | | | | | | | | | | | | | |

---

[26] Għal kull fattur, ivvaluta r-riskju bl-użu ta' skala li tiżgura li l-ogħla punteġġ totali ta' riskju inerenti huwa ta' 100%. B'erba' fatturi ta' riskju, l-iskala tista' tkun: Għolja: 25%; Medja: 12,5%; Baxxa: 6,25%. B'aktar fatturi ta' riskju, din l-iskala jkollha tiġi mmodifikata skont dan. Xi wħud mill-fatturi jistgħu ma jkunux applikabbli għal korp partikolari; f'dan il-każ, l-iskala trid ukoll tiġi aġġustata sabiex ikun żgurat li t-total tal-punteġġ tar-riskju inerenti jista' jilħaq 100% għal dak il-korp.

[27] Għal kull fattur, ivvaluta r-riskju bl-użu ta' skala li tiżgura li l-ogħla punteġġ totali ta' riskju tal-kontroll huwa ta' 100 %. B'żewġ fatturi ta' riskju, l-iskala tista' tkun: Għolja: 50%, Medja: 25%, Baxxa: 12,5 %. B'aktar fatturi ta' riskju, dawn l-iskali jkollhom jiġu mmodifikati skont dan.

[28] Il-punteġġ totali għar-riskju tal-kontroll jirriżulta mis-somma tal-punteġġ mogħti għal kull fattur tar-riskju tal-kontroll. Fl-eżempji mogħtija hawn taħt, it-total massimu tal-punteġġ għall-"grad ta' bidla minn 2007-2013" huwa ta' 50% u l-punteġġ massimu għall-"kwalità tal-kontrolli interni (...)" huwa wkoll 50%, biex b'hekk flimkien jagħmlu total massimu ta' 100%. Naturalment, jekk ikun meħtieġ, dan jiġi adattat għall-għadd ta' fatturi ta' riskju tal-kontroll li l-AA tiddeċiedi li tikkunsidra fil-valutazzjoni tar-riskju.

[29] Il-kumplessità tista' tkun minħabba l-għadd ta' atturi/IBs involuti u/jew ir-relazzjoni tagħhom ma' xulxin (pereżempju MA ta' daqs żgħir tkun responsabbli biex tissorvelja diversi IBs jew MA ġdida tkun responsabbli għas-superviżjoni ta' IBs b'esperjenza li huma dawk bis-setgħa effettiva fl-immaniġġjar tal-programm).

[30] Il-kumplessità tal-operazzjonijiet tista' tkun relatata ma' strumenti finanzjarji, l-akkwist pubbliku, l-għajnuna mill-Istat, fost oqsma oħra fejn hu involut livell għoli ta' ġudizzju u stima. Is-sitwazzjoni speċifika applikabbli għal kull programm għandha tiġi spjegata fid-dettall f'folja separata, b'kontroreferenza għat-tabella tal-valutazzjoni tar-riskju.

[31] Benefiċjarji mingħajr esperjenza fir-regoli tal-fondi u/jew il-benefiċjarji b'rati ta' żball għoljin f'awditi preċedenti.

[32] Is-sitwazzjoni speċifika f'termini tar-riżorsi umani allokati lill-awtorita tal-programm għandha tiġi spjegata fid-dettall f'folja separata, b'kontroreferenza għat-tabella tal-valutazzjoni tar-riskju.

[33] Pereżempju: Ebda bidla = 12,5%; Xi bidliet = 25%, Bidliet sinifikanti jew sistema kompletament ġdida = 50%

[34] Valutazzjoni bbażata fuq ir-riżultati tal-awditjar mill-perjodu 2007-2013 jew il-proċess ta' valutazzjoni tal-konformità mal-kriterji tal-ħatra. Pereżempju: Kategorija 1: 5% Kategorija 2: 20% Kategorija 3: 35% Kategorija 4: 50%.

# IV. MUDELL TA' GARANZIJA



## V. SKEDI TA' ŻMIEN INDIKATTIVI TAL-ĦIDMA TAL-AWDITJAR




31/07/N
_/_/ N
(skadenza interna li trid
tiġ definita mill-Istat
Membru)
15/02/N+1
Eċċezzjoni:
01/03/N+1
01/07/N-1
01/01/N
30/06/N
31/05/N+1
Sena fiskali
Perjodu tal-awditjar: _/_ / N sa
/ / N
MA → CA → AA MS → EC
L-ewwel Perjodu tal-awditjar:
1/1/N sa 30/6/N
It-tieni Perjodu tal-Awditjar:
01/07/N sa _/_/ N
MA → CA → AA MS → EC
Perjodu tal-awditjar: 01/07/N-1 sa _/_/N
MA → CA → AA MS → EC
Preżentazzjon i lill-Kummissjoni Kontijiet
+
Dikjarazzjoni tal-Maniġment
+
Sommarju annwali
+
Opinjoni tal-awditjar
+
ACR
Art.59(5)FR
Art. 129
Eżaminazzjoni u aċċettazzjoni tal-kontijiet mill-Kummissjoni (art.130)
Jekk il-Kummissjoni tkunx tista' taċċetta:
L-ewwel opzjoni: l-AA tieħu kampjun wieħed wara l-aħħar talba għal pagament interim.
It-tieni opzjoni: l-Istat Membru jieħu żewġ kampjuni
Perjodu tal-kontabilità: 01/07/N-1 sa 31/12/N-1 u 01/01/N sa _/_/N
It-tielet opzjoni: awditjar wara kull talba